MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 757/2000/1

Kawza fil-lista: 34

**Joan mart Victor Debattista, Carmen mart Oliver Vassallo, Victoria mart Robert Azzopardi, Joseph, Saviour, u Bernardette mart Charles Balzan, ahwa Tanti, ulied il-mejjet Emmanuel; Joseph Tanti, kemm f’ismu proprju u kif ukoll bhala mandatarju ta’ huh imsiefer Paul, Salvatore, Romilda mart Joseph Lowell, u Carmen mart Walter Pawley, ahwa Tanti, ulied il-mejjet Epifanio; Luciano u Cecilia mart Nicholas Abela, ahwa Tanti, ulied il-mejjet Giuseppe; Innocenza sive Lucia, xebba, Valentina, xebba, Paul, John u Nazzareno, ahwa Tanti, ulied il-mejjet Gregorio; Joseph u Christino, ahwa Gauci, ulied il-mejta Rosa mart Emmanuel Gauci; Emmanuel, Elizabeth mart Carmelo Ciappara, Julian, Anthony, Rose mart Angelo Micallef, John, Anna, xebba, Michael u Peter, ahwa Micallef, ulied il-mejta Lucija mart Victor Micallef; Cynthia, xebba, bint il-mejjet Saviour Micallef; Mary sive Mary Rose mart Anthony Azzopardi, Vincent sive**

**Censu, Carmel, Josephine sive Joyce mart Emmanuel Vassallo, Kristinu, Raymond u Alfred, ahwa Galea, ulied il-mejta Pawla mart Carlo Galea**
**Vs**
**Francis Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress li l-atturi, fil-kwalita' taghhom ta' werrieta ta' Innocenzo u Pawla (imwielda Camilleri) konjugi Tanti, huma l-utilisti ta' porzjon art, fil-limiti ta' Had-Dingli, denominata "Tal-Lombard", fil-kontrada ta' San Pawl tal-Pitkali, tal-kejl ta' cirka erbat elef erba' mija u sitta u disghin metri kwadri [4496 m$^2$], u tmiss min-Nofsinhar ma' Triq San Pawl tal-Pitkali, mit-Tramuntana ma' gid tal-aventi kawza minn Pawlu Busuttil u mil-Lvant ma' gid tal-familja ta' Guzeppi Abela, jew irjieh verjuri [Dok. A], u liema art kienet imqabbla in parti ghall-ammont ta' erbgha u tletin centezmu (Lm0.34) fis-sena lil certa Anna Maria Borg li mietet fl-1999;
Peress li l-atturi saru jafu ricentement li l-konvenut, minghajr provokazzjoni u taht pretensjonijiet li qieghed jagixxi f'ismu proprju u f'isem sidien ohrajn anonimi, permezz ta' att gudizzjarju (konsistenti f'Cedola ta' Depositu) mibghut lil persuna li mhux sid tal-art in kwistjoni, qed jallega li huwa jippossedi l-imsemmija art b'titolu ta' cens perpetwu ta' erbgha u tletin centezmu (Lm0.34) fis-sena [Dok. B], meta l-ebda kuntratt validu ta' cens ma sar favur tieghu jew favur ta' dawk il-persuni l-ohrajn minnu referuti;

Peress li l-atturi rrespingew il-pretensjonijiet vessatorji tal-konvenut u interpellawh permezz ta' protest gudizzjarju sabiex jieqaf jivvanta tali titolu inesistenti, imma dan, mhux talli waqaf milli jaghmel dan, izda rega' tenna l-pretensjoni fiergha tieghu b'att gudizzjarju iehor [Dok. C];

Peress illi l-atturi jridu jehilsu lilhom infushom mill-pretensjonijiet tal-konvenut;

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tikkundannah sabiex, fiz-zmien li jigi prefiss lilu minnha, jgib 'il quddiem b'kawza l-pretensjonijiet li hu avvanza fic-Cedoli ta' Depositu fuq imsemmija; u

2. timponi fuqu s-skiet ghal dejjem dwar tali pretensjonijiet, f'kaz li jonqos li jaghmel dak lilu ordnat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-15 ta' Lulju, 1999, u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi, kontra l-konvenut, ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. In linea preliminari, l-atti gudizzjarji tal-eccipjent li abbazi taghhom l-atturi intavolaw l-azzjoni odjerna mhumiex diretti kontra l-atturi, ma saret ebda millantazzjoni fil-konfront taghhom u konsegwentement mhux sodisfatt dak li jipprovdi l-Art. 403 tal-Kap. 9.

2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-jedd li l-atturi jippretendu li ghandhom fir-rigward tal-art in kwistjoni huwa incert u ghaldaqstant ma jistghux jintavolaw din l-azzjoni bit-talbiet kif dedotti kontra l-eccipjent a tenur tal-Art. 405 tal-Kap. 12.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni tentata mill-atturi hija dik ta' jattanza kontemplata fl-Artikolu 403 tal-Kap.12 intiza sabiex tilqa' ghall-pretensjoni ta' dritt vantata minn terzi kontra pussessur attwali tal-oggett. Sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' jattanza jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: [1] Il-pussess da parti tal-attur, li huwa esklusiv fil-konfront tal-

konvenut, u attwali, materjali, de facto – ta' liema xorti jkun, anke s-semplici detenzjoni; ghax il-bazi ta' din l-azzjoni hi essenzjalment wahda possessorja u sommarja intiza ghall-accertament u reintegrazzjoni tal-pussess. [2] Il-mallentazzjoni da parti tal-konvenut ta' pretensjoni ta' dritt; li ghandha tirrizulta minn att gudizzjarju jew xorta ohra bil-miktub. Izda, jinsab assodat fil-gurisprudenza li, l-att kostituttiv dan l-ingredjent jrid ikun spontaneju; ghaldaqstant atti kawtelatorji intizi sabiex jissalvagwardaw jew jikkonservaw id-drittijiet tal-konvenut jew atti necessitati mill-htiega li l-konvenut jikkawtela d-drittijiet tieghu, jeskludu l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu 403. Inoltre jinsab ritenut fil-gursiprudenza li meta l-attur fil-gudizzju tal-jattanza jkun ipprovoka hu l-protesti tal-konvenut, l-azzjoni tal-jattanza mhijiex ammissibbli.
*[App.S.John Borg vs Paolo Borg [1946] Vol.32B.ii.615; App.S. Joseph vs Giuseppi Anatasio [1988] Vol.LXXXII.II.134; PA Maria Dolores Vella vs Rosario Micallef deciza 15.12.1958; PA Teodoro Cilia et vs Antonio Francalanza [1948][Vol.33E.II.201; u App.S.Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina deciza 27.06.2003 – u kazisitika hemm citata].*

Illi fil-meritu l-kawza odjerna tikkoncerna porzjon art fil-limiti ta' Had-Dingli, denominata "Tal Lombard" fil-kuntrada ta' San Pawl tal-Pitkali tal-kejl ta' circa 4496 metri kwadri u li kienet imqabbla in parti lil certu Anna Maria Borg li mietet fis-sena 1999. L-atturi jsostnu li huma ghandhom l-utile dominju fuq din l-art, filwaqt li l-konvenut jsostni li l-art tinsab "fil-pussess" tieghu u ta' ohrajn b' cens perpetwu.

Mill-provi rrizulta nkontestat li fit-30 ta' Awissu u fl-4 ta' Novembru tas-sena 1996 il-konvenut "pro et noe" ipprezenta fil-Qorti zewg cedoli ta' depozitu[1], li permezz taghhom, wara li spjega li hu u sidien ohrajn "jippossjedu" l-art de quo b' titolu ta' emfitewsi perpetwa ta' erba u tletin centezmu [Lm0.34c] kull sena pagabbli bil-quddiem favur l-intimat [Victor Micallef]; u peress li dan Victor Micallef minghajr ebda raguni valida fil-ligi naqas li jaccetta l-hlas

[1] Fols.8 - 11

tac-cens, ddepozita that l-awtorita' tal-Qorti l-flus rapprezentanti c-cens ghas-snin indikati fl-istess cedoli, sabiex jinghataw liberament lill-imsemmi Victor Micallef wara li dan jhalli d-debita ricevuta.

Huma proprju dawn iz-zewg cedoli ta' depozitu l-bazi tal-azzjoni attrici, u l-atturi fl-att tac-citazzjoni qeghdin jallegaw li dawna saru jafu b' dawn ic-cedoli prezentati mill-konvenut "minghajr provokazzjoni u that pretensjonijiet li qieghed jagixxi f' ismu proprju u f' isem sidien ohrajn [konsistenti f' Cedola ta' Depozitu] mibghuta lil persuna [Victor Micallef] li mhux sid ta' l-art in kwistjoni" u li fl-imsemmija cedoli l-konvenut qed jallega li huwa jippossjedi l-art b' titolu ta' cens perpetwu meta ma jesisti ebda kuntratt validu ta' cens favur l-istess konvenut.

Il-konvenut minn naha tieghu, ghalkemm ma rrefera ghal ebda kuntratt ta' cens, jsostni li huwa jippossjedi l-art de quo flimkien ma' ohrajn u li t-titolu tieghu huwa provenjenti mill wirt ta' Giovanni Saliba u hutu Salvina u Maria, ahwa Saliba, kif jirrizulta mid-dokumenti minnu esebiti, senjatament it-testmenti ta' dawn l-ahwa Saliba.[2] Skond dawn it-testmenti Giovanni Saliba halla sehemu mill-art de quo lil Salvina u Maria Saliba, li minn naha taghhom hallew lill-xulxin u sussegwentement lill-konvenut, eredi universali.

Illi fil-kors tal-kawza gew esebiti diversi ricevuti li jidhru li juru li Anna Borg omm Rita Borg kienet thallas "cens perpetwu" fuq din l-art lill-imsemmi Victor Micallef li jidher li kien jamministra dawn il-beni. Il-konvenut isostni li huwa kien imur ma' Rita Borg biex jhallas ic-cens, anke sussegwentement, wara l-mewt taghha; u meta Victor Micallef informah, minhabba xi tilwim li jidher li kellu ma' Manwel Tanti, li ma kienx ser jaccetta izjed hlas fuq l-art de quo, il-konvenut ddepozita l-flus il-Qorti bic-cedoli fuq imsemmija.

Minn naha taghhom l-atturi pprezentaw diversi dokumenti biex jindikaw it-titolu taghhom fuq l-art in kwistjoni.

[2] Doki.FS5[fol.91], FS9[fol.102] u FS13[fol.109]

Illi sabiex l-atturi jirnexxu fl-azzjoni taghhom jehtieg li fl-ewwel lok jipprovaw li huma ghandhom il-pussess tal-art in kwistjoni esklusiv fil-konfront tal-konvenut, irrispettivament mill-validita' jew ezistenza tat-titolu pretiz mill-istess konvenut. Il-Qorti tosserva li mill-provi dan l-element ma jirrizultax sodisfacentement provat. Fil-kuntest tad-dokumenti esebiti u tax-xhieda mismugha ma jistax jinghad li huma ghandhom il-pussess esklusiv, u x-xhieda tal-konvenut u d-dokumenti fuq imsemmija jdghajjfu serjament din it-tesi tal-atturi.

Illi fit-tieni lok jigi osservat li l-atti li jfformaw il-bazi tal-pretensjoni attrici u cioe' c-cedoli ta' depozitu u senjatament il-kontenut taghhom, ma jitsghux validament jigu konsidrati bhala atti ta' millantazzjoni ai fini tal-ligi in parola, ghax biex tissussisti l-figura ta' millantazzjoni jehtieg mhux biss li l-att ikun bil-miktub, izda li jkun spontanju u aktar u aktar ma jkunx intiz biex jikkawtela dritt pretiz mill-konvenut, jew necessitat mill-htiega li dana jikkonserva d-dritt tieghu. F' dan il-kuntest legali, l-azzjoni attrici tfalli: tfalli ghax il-prezentata tac-cedoli ta' depozitu ma titstax titqies bhala att spontaneju da parti tal-konvenut, izda kien att provokat mir-rifjut da parti ta' Victor Micallef [li kien ilu jircevi hlas fuq l-art de quo mis-sena 1959] li jaccetta l-hlas. Inoltre tfalli wkoll ghax il-konvenut hass il-htiega li jipprezenta dawn l-atti sabiex jikkawtela d-dritt ta' cens perpetwu pretiz minnu. B' dawn l-atti huwa ddepozita hlas dovut fuq l-art de quo ghaz-zmien hemm indikat. Il-Qorti tosserva li ghalkemm fl-ewwel paragrafu ta' dawn ic-cedoli l-konvenut ta spjegazzjoni tat-titolu li huwa kien sostna li kien qed jippreserva b' dawk l-atti, dan ma jistax jitqies bhala millantazzjoni, ghax in-natura legali u l-effett legali tad-dokumenti in parola huma essenzjalment atti ta' preservazzjoni u ta' konservazzjoni ta' dritt pretiz, liema element skond il-gurisprudenza interpretattiva fuq citata, jisvesti l-att mill-aspett ta' millantazzjoni bil-konsegwenzjali eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 403 Kap.12 li jifforma s-substrat tal-azzjoni attrici.

Dan premess u kkunsidrat l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi u t-talbiet tal-atturi ma jimmeritawx li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirrespingi it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------